MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 246/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Marco Mallia)**

**Vs**
Emanuel Cassar

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Lulju, 2003 fil-kwalita tieghu ta' Direttur tas-socjeta' San Anton Caterers Ltd ta' Melita Birbal Street, Balzan, u/jew bhala l-persuna nkarigata li thallas il-pagi tal-impjegati tas-socjeta fuq imsemmija, naqas li jhallas jew jaghti l-pagi kif ukoll l-hlasijiet tas-sahra w hlasijiet tal-vaganzi dovuti lill-ex impjegat tieghu Melchior Bonnici fit-tmiem tal-impieg tieghu fil-31 ta' Lulju, 2003 fis-somma ta' LM1375.50.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 452, ma sabitx lill-imputat hati ta' kif akkuzat u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghax ir-rikorrent ta d-dettalji bid-dokumenti dwar dak li kien dovut u l-Ewwel Qorti b'ebda mod ma kienet gustifikata li tillibera lill-appellant . Illi jidher li nghatat importanza zejda ghal fatt li Melchior Bonnici gie mwissi li jista' jinkrimina ruhu jekk jirrispondi xi domandi li strettament ma kienux rilevanti ghall-kaz.**

**Semghet ix-xhieda fil-kors tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**
**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hija l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u**

**legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali** : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" [12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopar**di " [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .) Illi ovvjament dan japplika kemm fil-kaz ta' appelli tal-hati kif ukoll fil-kaz t'appelli tal-Avukat Generali.**

**Illi din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid u ghamlet apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha fis-sentenza appellata.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol** MARIO CARUANA **xehed li mill-investigazzjoni li huwa kien ghamel irrizultalu li Melchior Bonnici w l-appellat ma kienux qablu fuq il-hinijiet tax-xoghol li kien hadem l-impjegat . Huma hargu c-citazzjoni fuq l-informazzjoni li kien tahom l-impjegat pero'.**

MELCHIOR BONNICI **xehed li hu kien dam jahdem mal-Melita Restaurant xi seba snin bhala *"cleaner"* pero' filghaxija kien jahdem *"overtime"* kemm ta' *waiter* kif ukoll ta' *barman* . It-tnejn kien ikun *"off"* u mit-tlieta sal-hadd kien jahdem mit-8 am sal-4pm b' xi hmistax il-minuta *"break"* f' nofsinhar . Umbaghad kien jerga' jidhol jahdem mis-6 pm sal-11.30 pm. *"overtime"* ghal hamest jew sitt ijiem kull gimgha , b'**

**mod li jkollu xi 30 siegha *"overtime"* fil-gimgha. Mistoqsi mill-Qorti jekk kellux karti biex juri ezatt kemm hadem sieghat , xehed li jekk ghandux ezatt ma jafx ; jaf ghandu go xi file id-dar igifieri w fil-Qorti ma kellux.**

Fil-kontroezami hu accetta li kien iffirma dikjarazzjoni fid-29 ta' Jannar, 2003 li hu kellu jati lill-appellat is-somma ta' LM2000 u dan wara li kien stqarr li hu kien seraq mill-post tax-xoghol pero' zied jghid li kien gie mhedded mill-kok biex jisraq. Kien lahaq hallas LM440 lura lill-appellat minn dan l-ammont . Umbaghad waqaf mix-xoghol mall-appellat u ma baqax ihallas izjed. Wara li spicca mix-xoghol kien mar id-Dipartiment tax-Xoghol u talab li jibdew il-proceduri odjerni.

EDGAR BONNICI**, missier ix-xhud precedenti, xehed li ibnu qatt ma kien qallu b' dan l-inkwiet li kellu fuq il-post tax-xoghol u li l-kok kienu johdulu l-flus u jilghabuhom fil-kaxex tal-loghob . Ibnu ghandu 23 sena. L-LM2000 li kien iffirma ghalihom ibnu kienu ghax qal li seraq 100 flixkun whiskey . Ibnu kien jahdem mis-7.30 am. sal-4pm. Kien umbaghad jigi d-dar u jerga' jmur ghax-xoghol fis-6 pm u jdum hemm sal-12.pm jew 1.am. Meta marru l-Labour Office sabu li kien qed jahdem minn 36 sa 38 siegha fil-gimgha *"overtime"*. Meta ghamlu l-kalkoli , fejn kien hemm dubju tefghuh kontra Melchior Bonnici . Kien jithallas LM1.15c fis-siegha ghall-overtime . Il-kawza saret fuq l-ahhar sena biss u l-*"claim"* giet bazata fuq salarju ta' "*cleaner"* ghax hu bhala *"cleaner"* kien impjegat ghalkemm kien jaghmel kollox. Ghalkemm ibnu ammetta li kien seraq il-whiskey , xi 100 flixkun , bis-LM6 il-flixkun dawn kienu jgibu valur ta' LM600 u mhux LM2000 u ibnu kien gja hallas LM440 minnhom. Ibnu kien jibza' u l-kok kien ammetta kollox mall-Pulizija.**

L-ISPETTUR KEVIN FARRUGIA **xehed li fuq talba tas-sid tal-Melita Bar fl-24 ta' Jannar, 2003 kien investiga kaz dwar impjegati tal-istess stabiliment u bhala rizultat ta' dawn l-investigazzjonijiet kien ressaq il-**

**Qorti lil certu Mario Cutajar li kien il-pizzar tal-istess bar fuq akkuzi ta' "extortion" u serq ta' flus. Dan Cutajar kien ammetta li kien jhedded u jiehu flus minnghand l-impjegat l-iehor Melchior Bonnici u dan tal-ahhar kien ukoll ammetta li kien qed jisraq xorb mill-bar , kemm ma jafx pero'.**

L-APPELLAT **xehed li Melchior Bonnici kien jahdem bhala "cleaner" mis-7 am sat-3 pm. mit-Tlieta sal-Hadd. Kien jiehu hmistax il-minuta *"break*" fl-10 am u siegha *"break*" f' nofsinhar. Kien jithallas doppju meta jidhol jahdem il-Hadd.Meta kien jidhol tard kien isirlu tnaqqis mill-paga. Il-kopji tas-*"slips*" esebiti minn fol. 7 sa fol.23 huma kopji tal-original li l-impjegat kien jithallas fuqhom kull gimgha w jindikaw il-hinijiet x' hin kien jidhol u x' hin kien johrog l-impjegat. Umbaghad Melchior Bonnici kien jahdem bhala *"waiter"* filghaxija xi erba , hames darbiet fil-gimgha mis-6 pm sal-11 pm. Kif jidher mill-"*payslips"* ghall-*overtime* kien jithallas bis-siegha, siegha u nofs fi granet normali u "*double time*" nhar ta' Hadd.**

L-appellat cahad dak li xehed Edgar Bonnici dwar x' wassal lil ibnu biex jiffirma d-dikjarazzjoni ta' kostituzzjoni ta' debitu. Hu kien tkellem ma missier l-impjegat u kien qallu : "Ma nafx x'seraqni." Kien ghalhekk li hu staqsa lil Melchior Bonnici kemm kien seraq u hu u missieru ddecidew li kienu elfejn lira. Hu kien qallu biex imur ghand l-avukat tieghu lill-Bonnici, izda Bonnici kien qallu li ma kienx hemm ghalfejn u ffirma quddiem in-Nutar. Ghand in-Nutar kienu marru hu w l-impjegat biss imma missieru kien prezenti ghall-ftehim fuq l-elfejn lira w dan il-ftehim kien sar gol-Melita Restaurant. Melchior Bonnici beda jhallas lura l-ammont miftiehem bir-rata ta' Lm20 fil-gimgha izda meta telaq mix-xoghol ma baqax ihallas. Allura hu kitiblu w anki kellha jharrku civilment u meta ttela' l-Qorti Bonnici mar ghand il-Labour Office.

GLORIANNE AQUILINA **xehdet li hi kellha relazzjoni ma Malchior Bonnici w dan kien fl-ahhar sena tal-impieg tieghu hemm. Ma tiftakarx kemm sieghat kien jahdem. Nhar ta' Gimgha ghall-seba xhur fl-ahhar**

**sena kien johrog maghha w t-Tnejn ma kienux jahdmu filghaxija.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Qorti ezaminat it-Time Sheets esebiti mill-appellat li juru x' hadem bhala hinijiet l-impjegat u x' hadem *"overtime*" u l-hlas relattiv (Fols. 7 sa 23), kif ukoll meta dahal tard u xi tnaqqis sarlu ghal dan. Dawn jirrigwardaw il-period mill-gimgha li kienet tispicca fil-5 ta' Jannar, 2003 sal-gimgha li tispicca fis-27 ta Lulju, 2003. Minn-naha tieghu l-impjegat Bonnici ma esebixxa ebda record li juri bl-ezatt il-hinijiet li suppost hadem biex jikkontrasta d-*"data*" moghtija fid-dokumenti fuq imsemmija. Il-*claim* tal-prosekuzzjoni hi bazata biss fuq kalkolu li ghamel id-Dipartiment fuq dak li qallu l-impjegat izda dwar dan hemm konflitt serju fil-provi ghaliex bejn l-employer appellat u l-impjegat hemm nuqqas ta' qbil dwar il-hinijiet ezatti li fihom l-impjegat kien jidhol ghax-xoghol , il-hin li kwazi kulljum kien jittardja biex jidhol ghax-xoghol , il-hinijiet tal-*"breaks*" u l-ghadd ta' granet li fihom kien jahdem *"overtime*" fil-gimgha, ghax fil-waqt li l-employer jghid li kien jahdem erba darbiet *"overtime*", l-impjegat isemmi hames jew sitt darbiet fil-gimgha.**

**Illi f' dan l-istat inkonklussiv tal-provi tal-Prosekuzzjoni din il-Qorti ma tarax li ghandha raguni valida w inqas u inqas impellenti biex tiddisturba d-decizjoni w l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti w li wassluha ghall-liberazzjoni tal-appellat.**

**Ghal dawn il-motivi , l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------